MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 363/2011/1

**Fl-Atti tar-rikors Revoka Numru 363/11 JA**
**Wara l-atti ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 466/11**
**Fl-ismijiet,**

**Sylvia Enriquez**

**v.**

**Francis Enriquez**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Francis Enriquez ipprezentat fl-14 ta' April 2011, li jaqra hekk:

"Illi l-esponent gie notifikat bil-mandat precitat fejn qed jigi indikat li gew kanonizzati xi krediti favur martu Sylvia Enriquez skont prospett anness mal-istess mandat;

"Illi l-esponenti jirrileva illi dan il-mandat inhareg b'mod vessatorju u in malafede ghar-ragunijiet li ser jissemghu hawn taht;

"1. Illi l-fatt li gie pprezentat bis-sistema tal-Legal Aid dan hu abbuz tal-process peress illi fil-kawza numru 1169/92 mart l-esponent ma kienitx assistita b'avukat tal-ghajnuna legali izda tramite konsulenti legali privati.

"2. Illi minn semplici qari tas-sentenza fil-process 1169/92 ghandu jirrizulta bl-aktar mod car li mhux minnu li gie kanonizzat kreditu favur Sylvia Enriquez u dan ghal raguni illi d-decizjoni kienet marbuta intrinsikament ma' kundizzjoni, liema kundizzjoni ghadha sallum ma avveratx ruhha. Illi ghalhekk l-ammont indikat ta' €6,988.12 ghadu ma jistax jigi kkunsidrat bhala kreditu kanonizzat favur Sylvia Enriquez;

"3. Illi dwar l-ammont pretiz ta' €2,691.42 rapprezentanti drittijiet u spejjez allegatament dovuta lill-Sylvia Enriquez fil-kawza 1169/92 jinghad fl-ewwel lok li tali ammont jinsab debitament kawtelat minn Francis Enriquez kif jirrizulta fil-verbal tal-21 ta' Mejju 2001 u fit-tieni lok tali pretensjoni ma tistax tibqa' izjed tigi kkunsidrata bhala titolu esekuttiv stante d-dekors ta' ghaxar snin u stante li ma sarx rikors appositu ghal estenzjoni tal-istess.

"4. Illi dwar l-ammont pretiz ta' €883.70 in konnessjoni mal-kawza 83/04 m'hemmx kontestazzjoni dwar l-istess.

"Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tordna t-thassir u revoka dan l-istess mandat fis-sens illi l-

ammont sekwestrat ghandu jkun limitat biss ghac-cifra ta' €883.70.

"Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni kontra Sylvia Enriquez."

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata;

Rat li b'digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2011 (recte: 20 ta' Lulju 2011), it-talba tar-rikorrenti giet michuda peress li ma jirrizultawx ragunijiet bizejjed biex il-mandat jithassar skont l-istess Artikolu 281 (tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Francis Enriquez li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"…tirrevoka ghal kollox id-digriet moghti mill-Ewwel Onorabbli Qorti in vista tal-ewwel aggravju u konsegwentement jew tirrinvija l-att lura lill-istess l-Ewwel Qorti sabiex terga' tigi mismugha u deciza mill-gdid jew altrimenti tigi mismugha u deciza minn din l-istess Qorti u/jew b'riferenza ghall-aggravji sussegwenti tirrevoka in parte l-precitat mandat ta' sekwestru inkwantu dan jirreferi ghall-ammont pretiz minn mart l-esponent, is-sekwestranta f'dawk l-atti skont kif mitlub fir-rikors promotur jew bi kwalsiasi ammont iehor li jkun jidhrilha xieraq u gust legalment minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess sekwestranta appellata."

Rat ir-risposta tal-appell tas-sekwestranti Sylvia Enriquez illi in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex:

"…r-rikors tal-appell tal-appellant Francis Enriquez ghandu jigi ddikjarat irritu u null u ghalhekk l-appell tieghu m'ghandu jinghata l-ebda konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mill-atti li l-intimata fis-7 ta’ April 2011, talbet u ottjeniet il-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv (numru 466/11) ghas-somma ta’ €10,563.24, li jinkludu s-somma ta’ Lm3,000 (ekwivalenti ghal €6,988.12) allegatament dovuta lilha skont sentenza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet. Ir-rikorrent ikkontesta din il-pretensjoni hlief ghas-somma ta’ €883.70, izda wara li t-talba tieghu giet michuda mill-ewwel Qorti, illimita l-appell biex is-somma sekwestrata tonqos bis-somma ta’ €6,988.12 imsemmija.

Din is-somma, fit-termini tas-sentenza ta’ separazzjoni datata 18 ta’ Ottubru 2000, inghatat lill-intimata bhala prelevament wara li jsir il-bejgh tad-dar matrimonjali.

Il-Qorti, fil-fatt, kienet ordnat li d-dar matrimonjali tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei wara li jghaddu sentejn mid-data tas-sentenza, u f’dan l-intervall l-intimata ghandha jkollha l-uzu esklussiv tal-istess dar u r-rikorrent kellu jhalli d-dar ghal kollox fiz-zmien 30 jum; mir-rikavat tal-istess bejgh tal-fond matrimonjali l-intimata ghandha tircievi s-somma ta’ Lm3,000 u l-bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Jidher li l-intimata baqghet sallum fl-okkupazzjoni tal-fond matrimonjali, u t-talbiet li ghamel ir-rikorrent ghal bejgh bis-subbasta tal-imsemmi fond baqghu bla rizultat, anke minhabba oggezzjonijiet da parti tal-intimata dwar l-andament tal-procedura.

Ir-rikorrent biegh sehmu mill-fond matrimonjali lill-uliedu b’kuntratt tat-28 ta’ Frar 2011, bil-prezz ta’ €51,250. Wara li sar dan il-bejgh, l-intimata tippretendi li ghandha tiehu s-somma ta’ Lm3,000 rizervat favur taghha bil-fuq imsemmija sentenza.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-intimata. Hi ghandha tiehu dik is-somma wara li tohrog mill-fond matrimonjali u wara li l-

fond jinbiegh bhala vojt bil-procedura tas-subbasta. Ma tistax tibqa tabita fil-fond, izzomm sehma ta' nofs indiviz tal-fond u tippretendi li tiehu wkoll is-somma ta' Lm3,000. Li hu zgur hu li t-titolu ezekuttiv ghal Lm3,000 jezisti biss mal-bejgh tad-dar matrimonjali bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei; jekk tippretendi li xorta wahda hija intitolata ghal dik is-somma, anke fic-cirkostanzi prezenti, trid tagixxi gudizzjarjament biex il-Qorti tara' jekk ghandhiex taghti tali dikjarazzjoni. Ma tistax, pero`, tippretendi li ghandha titolu ezekuttiv a bazi ta' cirkostanzi differenti minn dawk kontemplati mill-Qorti ghal holqien ta' tali titolu. It-titolu ezekuttiv jezisti biss jekk jikonkorru c-cirkostanzi ta' fatt li stabbiliet il-Qorti fis-sentenza ta' separazzjoni; jekk dawn ghadhom ma avverawx ruhhom ma jistax jinghad li jezisti titolu ezekuttiv, u jekk l-intimata trid tiehu l-flus nonostante li ghadhom ma avverawx ruhhom il-prerekwiziti ghal holqien tat-titolu ezekuttiv, trid l-ewwel tipprovdi ghall-akkwist ta' dak it-titolu taht kundizzjonijiet differenti, u mhux taqbad u tohrog mandat ezekuttiv ghas-somma kollha ta' Lm3,000 daqslikieku l-prerekwiziti ghall-holqien ta' dak it-titolu jezistu.

L-ilment tar-rikorrent hu, ghalhekk gustifikat.

Il-partijiet ressqu wkoll diversi pregudizzjali dwar il-validita` tad-digriet tal-Ewwel Qorti u ta' dan l-appell. Gie sottomess li d-digriet hu null ghax ma nghatax mill-Qorti fil-miftuh kif irid l-Artikolu 281 (3) imsemmi, u li l-appell ma sarx fi zmien sitt ijiem mid-digriet, kif irid l-Artikolu 281 (4) tal-Kodici aktar qabel imsemmi.

Din il-Qorti tirrileva li t-terminu ta' sitt ijiem jibda jiddekorri minn meta "jinqara" d-digriet mill-Qorti fil-miftuh, u qabel ma jinqara ma jibdix jiddekorri dan it-terminu. F'dan il-kaz, jirrizulta li d-digriet ma giex moqri mill-Qorti fil-miftuh u allura t-terminu ghadu lanqas beda jiddekorri! Lanqas meta inghata d-digriet in camera ma hu cert, ghax filwaqt li, mill-kaligrafija tal-gudikant, jidher li d-digriet inghata fl-20 ta' Lulju, 2011, it-traskrizzjoni ufficjali tal-istess digriet juri li d-digriet inghata fil-15 ta' Lulju 2011.

Dwar il-procedura li kellha tintuza f’dan il-kaz, il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni taghha tal-31 ta’ Jannar 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Mediterranean Building Finishes Ltd v. Scala Developments Ltd** fejn gie osservat is-segwenti:

*“Li l-ewwel Qorti kellha bilfors izomm udjenza biex tisma l-partijiet, mhux mehtieg mil-ligi. L-Artikolu 281(3) jiddisponi li l-Qorti ghandha tiddeciedi fuq it-talba “wara s-smiegh tal-partijiet, u kull xhieda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk.”*
*“Hu ovvju li d-diskrezzjoni moghti lill-Qorti “jekk tahseb hekk”, jirreferi ghas-smiegh tal-partijiet, ghax is-smiegh tax-xhieda hu diga` kkondizzjonat bil-frazi “li jidhrilha xierqa”. Kwindi, ghalkemm ir-rikors irid jigi notifikat lill-parti diversa, jekk il-Qorti adita tismax jew le lill-partijiet u/jew xhieda, hu mholli fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti.*

*“Is-subartikolu (4) jipprovdi li appell minn tali digriet ghandu jsir fi zmien sitt (6) ijiem “minn meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh”. Dan ma jwassalx ghal konsegwenza, kif targumenta s-socjeta` appellanti, li l-kaz irid <u>jinstema</u>’ bil-miftuh. Kif rajna, dan hu mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Dan is-subartikolu jiddisponi li <u>t-terminu tal-appell</u> jibda jiddekorri wara qari tad-decizjoni bil-miftuh. Il-qari tad-decizjoni mill-Qorti bil-miftuh mhux mehtieg ghall-validita` tad-decizjoni, izda biex jibda jiddekorri t-terminu ghall-appell. Jekk id-decizjoni tinghata in camera, l-istess decizjoni tkun valida, u sta ghal min hu interessat jitlob lill-Qorti taghti l-provvediment bil-miftuh halli jibda jiddekorri z-zmien tal-appell. Meta jsir hekk il-Qorti tkun trid tappunta r-rikors ghal gurnata u, wara li jsiru d-debiti notifiki, tipprocedi billi taqra d-decizjoni taghha bil-miftuh.*

*“F'dan il-kaz, allura, id-decizjoni li tat l-ewwel Qorti, fis-17 ta’ Novembru 2010, hija valida u la darba l-parti aggravata bid-decizjoni appellat regolarment, mhux kaz li din il-Qorti tirrinvija l-atti ghal quddiem l-ewwel Qorti ghal “qari” tad-decizjoni. Dak il-qari huwa mehtieg biex jiskata t-terminu ta’ sitt ijiem ghall-appell; darba, pero`, li l-appell tressaq b’mod legittimu, ma hemmx pregudizzju x’jigi soffert min*

*ebda parti u kwindi, lanqas ma hemm lok ghat-thassir tad-decizjoni impunjata."*

Dan kollu jghodd ghal dan il-kaz, u kwindi d-decizjoni li tat l-Ewwel Qorti ma tistax titqies irrita u nulla. Kif inghad, pero`, sejjer jigi revokat fil-meritu peress li t-talba tar-rikorrent timmerita li tigi milqugha, almenu in parte.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Francis Enriquez billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka d-digriet li nghata mill-Ewwel Qorti fil-15 (jew 20) ta' Lulju 2011, u minflok tilqa' in parte t-talba originali tieghu u tordna li l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 466/11 ghandu jkun limitat ghal €3,575.12 (u mhux ghas-somma ta' €10,563.24 kif mitlub fil-mandat), u tawtorizza l-hrug tal-opportun kontro-mandat ghad-differenza.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri in prim istanza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jithallsu mill-intimata appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------